MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2009

Citazzjoni Numru. 918/2005

**Bank of Valletta p.l.c (C 2833)**

**vs**

**L-Avukat Dr. Mark Busuttil LL.D. u l-Prokuratur Legali Mario Mifusd Bonnici li b'digriet tal-15 ta' Settembru, 2008 gew nominati bhala Kuraturi Deputati sabiex jirrapresentaw lis-socjeta' Luvbet.com (Malta) Limited (C 26564)**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ta' Bank of Valletta p.l.c fejn dan ppremetta illi:

Bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'kuntratt data 15 ta' Novembru 2001 fl-atti tan-Nutar Dottor Tonio Spiteri (Dok "A"), is-socjeta' attrici kkoncediet facilita ta' *"Loan"* lis-socjeta' Luvbet.com (Malta) Limited;

Is-socjeta’ attrici tinsab kreditrici tas-socjeta’ Luvbet.com (Malta) Limited fis-somma ta’ erbghin elf, erba’ mija u disgha u sebghin Liri Sterlini u hamsa u erbghin centezmu (40,479.55 GBP) bilanc ghad-debitu fil-“Loan Account” tas-socjeta’ Luvbet.com (Malta) Limited mal-Bank of Valletta p.l.c (Dok “B”) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mill-21 ta’ Settembru 2005 sad-data ta’ l-effettiv pagament;

Is-socjeta’ Luvbet.com (Malta) Limited giet interpellata diversi drabi u anke permezz ta’ ittra ufficjali datata 8 ta’ Frar 2005 u li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok “C” sabiex thallas id-dejn fuq imsemmi, izda din baqghet inadampjenti.

Talab lil Konvenuti nomine ghaliex din l-onorabbli Qorti m’ghandhiex:

Tikkundanna lis-socjeta’ Luvbet.com (Malta) Limited thallas lis-socjeta attrici somma ta’ flus f’munita Maltija ekwivalenti ghal erbghin elf, erba’ mija u disgha u sebghin Liri Sterlini u hamsa u hamsin centezmu (40,479.55 GBP) bilanc ghad-debitu fil-“Loan Account” tas-socjeta’ Luvbet.com (Malta) Limited mal-Bank of Valletta p.l.c (Dok”B”) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mill-21 ta’ Settembru 2005 sad-data ta’ l-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 8 ta’ Frar 2005 u tal-Mandati ta’ Sekwestru u Qbid li qed jigu pprezentati kontestwalment kontra l-konvenuti nomine li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti diversament presjeduta datat 15 ta’ Settembru 2008 li permezz tieghu gew nominati Dr. Mark Busuttil u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici bhala kuraturi ghall-finijiet kollha tal-ligi.

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-istess kuraturi :

Illi l-esponenti m’humiex edotti mill-fatti w ghalhekk qed jirrizervaw li jippresentaw eccezzjonijiet f’stadju ulterjuri.

Salv Eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda prodotti.

Fic-cirkostanzi, il-Qorti hi tal-fehma li l-Bank rikorrenti rnexxielu jipprova t-talba tieghu u ma ngabet lill-Qorti ebda prova kuntrarja.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-talba ta’ Bank of Valletta plc u tikkundanna s-socjeta Luvbet.com(Malta) Limited thallas is-somma ta’ tlieta u erbghin elf, sitt mija u disghin ewro u tlieta u tmenin centezmu (€43,690.83) ekwivalenti ghal erbghin elf, erba’ mija disgha u sebghin lira sterlina u hamsa u hamsin pence (40,479.55 GBP) bl-ispejjez u imghaxijiet kif mitluba.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-istess socjeta Luvbet.com(Malta) Limited b’dana pero’ illi provvisorjament id-drittijiiet tal-kuraturi jithallsu mill-istess Bank attur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------